# il-Ħuttafa

Numru **186** Jannar - Frar 2025



**Blonġun Sekond**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf




Aron Tanti

Il-pittma pjanta stramba ħafna. Stramba għax nistennew li pjanta tkun ħadra u bil-weraq, mhux ħafna ħjut ħomor! Imma l-pittma hija parassita. Ma tagħmilx fotosintesi għax in-nutrijenti li għandha bżonn tisraqhom minn pjanti oħrajn. Tosta hux!

# Hej Ħuttaf...

mill-editur

Spiss nisimgħu fuq siġar li jinqerdu mill-bliet u l-kampanja – donnu hawn gwerra sħiħa kontrihom.

Imma kultant tara affarijiet u tinduna li mhux kulħadd kontra s-siġar. Hawn nies li vera jħobbuhom u jirrispettawhom.

Pereżempju l-ġimgħa l-oħra mort passiġġata Ta' Qali biex noqgħod nisma' l-isturnell, il-pitirrossi u l-vjolini tax-xitwa (u ngawdi ftit ħdura wkoll). Ħin minnhom għaddejt minn passaġġ bil-madum u nnutajt li f'post minnhom il-ġenb tal-passaġġ ma kienx dritt, imma kif taraw mir-ritratt kellu bħal daħla, biċċa nieqsa.

Naħseb indunajtu għaliex saret dik id-daħla! Hekk hu, għax fiha kien hemm siġra sabiħa taċ-ċipress. Din is-siġra kienet hemm qabel ma sar il-passaġġ. Meta ġew biex jgħaddu l-passaġġ, min kien qed imexxi l-proġett seta' qal:

"U ijja ntajru s-siġra ħalli l-passaġġ jgħaddi dritt!"

Imma flok hekk, din il-persuna rrispettat liċ-ċipressa, u lill-ħaddiema qaltilhom biex il-passaġġ idur b'mod li ma ssirilhiex ħsara.

Waww! Nixtieq naf min kienet din il-persuna ħalli mmur noħdilha b'idha u ngħidilha: Prosit!

Min jaf, forsi dan ix-xiħadd kien membru fi Klabb Ħuttaf meta kien żgħir!

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




Victor Falzon

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

### Blonġun Sekond

Black-necked Grebe *Podiceps nigricollis*

Il-blonġun sekond jitfaċċa fil-ħarifa, imma xi ftit minnhom anke jgħaddu x-xitwa magħna wkoll. Biex jagħmlu dan naturalment iridu jsibu fejn jgħixu bla tfixkil, u jridu jsibu x'jieklu wkoll (ħut żgħir, gambli, eċċ.). Ir-riservi naturali tal-Għadira, Is-Simar u s-Salina huma ideali għal dawn l-għasafar simpatiċi.

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Il-Likeni | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| We're spying on the birds | 5 |
| Looking like dolphins! | 6 |
| X'iħammar... | 7 |
| Ċiefa | 8–9 |
| Staġuni | 10 |
| Colour me! | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| Young Birders Club | 12 |
| Mid-Djarju ta' Erika | 13 |
| Għaliex jgħidulu..? | 13 |
| Natura 2000 sites | 14 |
| Il-farfett tal-kaboċċi | 15 |
| Agħti titwila lil ġrajjietna | 16 |


## Kitbu...

**Desirée Falzon, Victor Falzon, Chiara Bonavia, Ayden Charles Borg, Érica Moura**

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti...

tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, Frar 2025
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Zizka bil-ġzuż!

## Roost count tajba



Aron Tanti

Fil-11 Jannar inġabru l-Belt Valletta 25 membru tal-BirdLife. Marru jieħdu pizza? Le, marru jgħoddu z-zizka!

Kull xitwa fis-siġar ta' **Pjazza Assedju** fil-Belt jidħlu jorqdu kuljum filgħaxija eluf ta' **zizka bojod**. U kull sena l-BirdLife nagħżlu ġurnata u mmorru ngħodduhom.

Il-voluntiera tqassmu mas-swar madwar il-Belt u kif beda jbexbex iz-zizka bdew deħlin u l-membri bdew jgħodduhom: min tella' mijiet min tella' eluf. Meta z-zizka daħlu kollha, il-voluntiera nġabru u ħarġu total ta' **14,780**. Numru sabiħ ħafna, għalkemm inqas minn tas-sena l-oħra.

Dis-sena minbarra l-Belt, għoddejna wkoll iz-zizka f'żewġ roosts oħra: waħda **l-Qawra** (**1526 zakak**) u l-oħra **l-Mosta** (**803 zakak**). Dawn ir-roosts huma ħafna iżgħar minn tal-Belt.

Fir-*roost count* tas-sena l-oħra għoddejna **16,182** u kienet sena rekord.



Kienet f'Il-Ħuttafa 180

Iz-**zakak abjad** *(white wagtail)* għasfur żgħir u eleganti, b'denb twil, forma żnella u "uniformi" pulita. Iz-zakak abjad jasal Malta fil-ħarifa minn artijiet kesħin. Il-klima fietla tagħna (u nħawi oħrajn tal-Mediterran) jsibuha komda u ħafna zizka jgħaddu x-xitwa magħna.

Binhar iz-zizka jinfirxu fl-għelieqi, fil-pjazez u fil-ġonna jfittxu l-insetti. Imma filgħaxija jinġabru fi gruppi kbar biex jorqdu flimkien f'siġar għall-kenn. Dawn il-postijiet ngħidulhom **roosts** u l-ikbar roost taz-zakak abjad f'Malta qiegħda l-Belt.

# Park li jista' jikber sew

F'Diċembru nfetaħ **Park Wied Inċita** f'Ħ'Attard, park ġdid b'mijiet ta' siġar, arbuxelli u mogħdijiet (u xi żewġ gazebos). L-area tal-park hija **20,000m²**, xi daqs żewġ grawnds tal-futbol. Prosit Ambjent Malta tal-inizjattiva.

Issa ħdejn dal-park hemm Wied Inċita nnifsu, li bħalissa jinsab fi stat tal-biki. Kif taraw mir-ritratt, hemm barriera enormi li belgħet l-art fuq kull naħa tal-wied, il-wied qasmitu min-nofs u fgatu bit-terrapien.

Għalhekk issa nħeġġu lill-awtoritajiet biex jagħmlu [1]*rewilding* ta' Wied Inċita nnifsu. DAK ikun park ta' kiesaħ eh – 240,000m² ta' natura, siġar, fjuri, insetti u għasafar.

Forsi xi darba...




Google Maps

[1]**rewilding.** Meta art li tkun intużat (u spiss inqerdet) mill-bniedem titreġġa' lura għan-natural




# il-Likeni

Il-likeni jikbru f'ambjenti diffiċli, pereżempju fuq il-wiċċ mikxuf ta' blata. Dan kapaċi jagħmluh bis-saħħa tat-*teamwork*!

**Qatt rajtu bħal tbajja' sofor, oranġjo, ħodor, griżi jew suwed fuq ċint qadim jew fuq blat fil-kampanja? Dawk mhumiex tbajja' imma affarijiet ħajjin, u huma speċjali ħafna. Dawk huma likeni.**

## Tnejn mhux waħda!

Meta nħarsu lejn likena, forsi naħsbu li nkunu qed naraw *living thing* waħda. Imma fil-fatt likena hija għaqda ta' żewġ affarijiet ħajjin qed jgħixu flimkien. Eżempju perfett ta' *teamwork!* Dan għaliex il-likena tkun magħmula minn **fungu** u minn **alga**.

Dawn x'inhuma? U għaliex jgħixu flimkien? Jgħixu flimkien għax it-tnejn jagħtu xi ħaġa lil xulxin.

## il-fungu

Il-fungi huma ħlejjaq komuni, fosthom dawk li minnhom jikber il-faqqiegħ *(mushrooms)*. Is-soltu l-fungi jikbru f'postijiet mudlama u umdi, imma fil-likeni l-fungu jikber fil-mikxuf fuq blat jew zkuk. Fil-likena xogħol il-fungu hu bħal tal-bennej: joħloq 'dar' għall-alga u jipproteġiha mix-xemx u min-nixfa. Il-kulur li tara meta tħares lejn likena huwa s-'saqaf' tal-fungus, għax l-alga tkun taħtu. Imma alga x'inhi?

## l-alga

L-algi huma pjanti li s-soltu jgħixu fl-ilma, fil-fatt naraw ħafna minnhom fil-baħar. Barra mill-ilma l-algi jinxfu u jmutu, imma l-algi li jgħixu fil-likeni ma jinxfux. Kif? Għax hemm il-fungu jipproteġihom min-nixfa. Prosit! Allura l-alga x'tagħmel għall-fungu?

Bħall-pjanti l-oħra, l-algi jagħmlu dak li ngħidulu fotosintesi, jiġifieri jużaw id-dawl tax-xemx biex jagħmlu ikel għalihom infushom ħalli jikbru. Il-fungi mhumiex pjanti u ma jagħmlux fotosintesi, għalhekk il-fungu ta' ġol-likena jieħu min-nutrijenti li tkun qed tagħmel l-alga. U b'hekk l-alga u l-fungu jgħinu lil xulxin.

## bil-mod ħafna

Il-likeni m'għandhomx għeruq, għalhekk ma jistgħux itellgħu l-ilma mill-art bħalma jagħmlu l-pjanti. Jieħdu ilma biss mix-xita jew min-nida. Minħabba f'hekk il-likeni jikbru bil-mod ħafna, f'sena forsi jikbru 1–2mm! Meta tara likena wiesgħa 10ċm, jaf ikollha bejn 5 snin u 10 snin.

## nisġa tal-ħajja

Bħal kull ħaġa fin-natura, il-likeni huma parti min-nisġa tal-ħajja. Hemm annimali żgħar immens li jgħixu fihom. Il-likeni kapaċi jgħixu f'artijiet fejn tagħmel ħafna kesħa u silġ, bħal fit-tramuntana tad-dinja. F'dawn l-artijiet keħin is-siġar iwaqqgħu l-weraq fix-xitwa, tant li l-[1]erbivori ma jkollhomx x'inaqqru. Għalhekk fix-xitwa annimali bħal ċrief u renni *(reindeer)* jispiċċaw jieklu l-likeni li jikbru qishom twapet jiksu l-art, u spiss ikollhom jigirfu fil-borra b'saqajhom sa ma jsibuhom. Li ma jkunux il-likeni ħafna minn dawn l-annimali aktarx imutu bil-ġuħ.




**Mela meta terġgħu taraw dawk it-tbajja' fuq il-blat, ħarsu lejhom b'rispett, għax dawk huma eżempju ta' żewġ ħlejjaq li dejjem jaqblu ma' xulxin!**

[1]**erbivori**. Annimali li jieklu l-pjanti

**Il-likena tkun ġeneralment magħmula qisha sandwich: il-ħobż huwa l-fungu, u l-mili ta' ġewwa huwa l-alga.**



# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **406 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha, u dawn huma **Numri 171 sa 180**...

171 
Isem Malti
**Ċirlewwa tal-Baħar**
Isem Ingliż
**Common Tern**
Isem xjentifiku
*Sterna hirundo*

172 
Isem Malti
**Ċirlewwa tal-Artiku**
Isem Ingliż
**Arctic Tern**
Isem xjentifiku
*Sterna paradisaea*

173 
Isem Malti
**Ċirlewwa tal-Libja**
Isem Ingliż
**Lesser Crested Tern**
Isem xjentifiku
*Thalasseus bengalensis*

174 
Isem Malti
**Ċirlewwa tax-Xitwa**
Isem Ingliż
**Sandwich Tern**
Isem xjentifiku
*Thalasseus sandvicensis*

175 
Isem Malti
**Skuwa Denbha Twil**
Isem Ingliż
**Long-tailed Jaeger**
Isem xjentifiku
*Stercorarius longicaudus*

176 
Isem Malti
**Skuwa tal-Artiku**
Isem Ingliż
**Arctic Jaeger**
Isem xjentifiku
*Stercorarius parasiticus*

177 
Isem Malti
**Skuwa**
Isem Ingliż
**Pomarine Jaeger**
Isem xjentifiku
*Stercorarius pomarinus*

178 
Isem Malti
**Skuwa Prima**
Isem Ingliż
**Great Skua**
Isem xjentifiku
*Catharacta skua*

179 
Isem Malti
**Purċinell**
Isem Ingliż
**Atlantic Puffin**
Isem xjentifiku
*Fratercula arctica*

180 
Isem Malti
**Mus**
Isem Ingliż
**Razorbill**
Isem xjentifiku
*Alca torda*

Aron Tanti

Aron Tanti

Aron Tanti

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

# We're SPYING on the BIRDS!







Kids at San Anton School are super excited about a new gadget they have at school. It's a SPY CAMERA that BirdLife helped them set up on the bird table in their new Dinja Waħda Garden. The camera is online so the kids can now watch birds visit their bird table LIVE on their classroom screen. Well done San Anton!

Every day the students put out cake and biscuits on their bird table for birds to snack on. They even built a small birdwatching hide in the garden. Sparrows and robins visit the bird table every day, as you can see from the spycam pictures.

Maybe your school can do the same!

MALTA NATIONAL AQUARIUM

# LOOKING LIKE DOLPHINS **BEFORE IT WAS MAINSTREAM**

## WHAT IS THIS STRANGE DOLPHIN-LOOKING ANIMAL?

This is an **ICHTHYOSAUR**, a marine reptile that lived during the age of dinosaurs, between 250 and 90 million years ago.



**IT LOOKS LIKE A DOLPHIN, BUT IT IS NOT A MAMMAL, AND EVEN THOUGH IT HAS FINS, IT IS NOT A FISH EITHER. SO, WHAT IS GOING ON?**









To understand this, we must first explore why many marine animals look alike, despite not being closely related.

- Dolphins, Mako Sharks, and Tuna all appear "fishy" because they are fast swimmers.
- The most efficient way to move quickly through the water is to have a torpedo-like shape, which is highly hydrodynamic.

**THE LAWS OF PHYSICS HAVE ALWAYS BEEN AT PLAY, SHAPING THESE MARINE REPTILES TO RESEMBLE FISH OVER TIME.**

- They also have a **bottle nose**, like dolphins do.
- This snout allows to easily capture slippery prey, such as fish and squid relatives.




## SOME ICHTHYOSAURS REACHED GIANT SIZES!

- In 2020, a father and a daughter found a **giant Ichthyosaur jawbone** in Somerset (UK).
- Paleontologists think this animal could reach **25** meters. The **biggest** found, yet.
- They named it *Ichthyotitan severnensis*, meaning "giant fish lizard of the Severn."



*Ichthyotitan severnensis*

## DID YOU KNOW?

- One of the first female scientists was a paleontologist.
- She collected and studied various English Ichthyosaurs. Her name was Mary Anning, and she lived from 1799 to 1847.

Victor Falzon

# X'iħammar...

Fost il-mijiet ta' speċi ta' pjanti li jikbru fil-kampanja Maltija, ftit ħafna jagħmlu fjuri ħomor. Fjuri sofor, bojod, roża u vjola għandna kemm trid imma fjuri ħomor ma tantx. Dawn is-seba' speċi fost l-iktar li jikkwalifikaw bħala ħomor!



Victor Falzon

**PEPRIN TAL-ŁANŻIT**
bristly poppy



Desirée Falzon

**GĦAJN IS-SERDUQ**
pheasant's eye



Desirée Falzon

**PEPRIN KOMUNI**
common poppy



Victor Falzon

**DERU**
lentisk



Aron Tanti

**PEPRIN TAL-ISTAMI SOFOR**
Mediterranean poppy



Mark Anthony Falzon

**FIĠĠIELA ĦAMRA**
winged pea



**SILLA**
sulla

# Ċiefa

## Scopoli's Shearwater *Calonectris diomedea*



Ritratt ta' Nicholas Galea meħud fil-Fliegu bejn Malta u Għawdex


BirdLife
MALTA

# Staġuni

Għeżież tfal, kif intom? Kemm qed inħoss li ilni ma nkellemkom! Illum għandi aħbar vera sabiħa għalikom!

Il-BOV bħala parti mill-proġetti ta' Rebbiegħa se joħroġ ktieb jismu Staġuni għal tfal minn 8-10 snin! Dan il-ktieb qed isir b'kollobarazzjoni ma' Write Deal Association u meta ħa joħroġ ħa tarawh idur fil-klassijiet madwar Malta u Għawdex.

Jien vera jogħġbuni l-kotba! U dan aktar għax se jitkellem fuq l-ambjent ta' madwarna u kif aħna nistgħu nieħdu ħsiebu mill-aħjar li nistgħu! Il-karattri tal-ktieb se jkunu tewmin ta' 10 snin, tifel u tifla u magħhom se naraw kif nistgħu ngħinu lid-dinja ta' madwarna timxi 'l quddiem.

Kull storja fil-ktieb se tkun taħt staġun partikolari. Jien kollha jogħġbuni l-istaġuni imma l-istaġun favorit tiegħi huwa r-Rebbiegħa. Nieħu vera gost nara l-fjuri jinfetħu u l-ħdura ta' madwarna tieħu l-ħajja. Intom liema staġun huwa l-favorit tagħkom? Kif tafu għandna erba' staġuni: Il-Ħarifa, ix-Xitwa, ir-Rebbiegħa u s-Sajf.



Insomma ħbieb se nħallikom għal-lum għax naħseb għidt biżżejjed. B'iġri nara dal-ktieb f'idejkom għax ċert li se jogħġobkom ħafna!

Inselli għalikom!

*Petitu*

(l-għasfur tal-bejt)

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

# Colour me!

Victor Falzon





## Spurge Hawkmoth

## Art Gallery



**Least Flycatcher**
Kryssa Vella 13

**Send us your nature drawings so we can publish them here!**

**victor.falzon@birdlifemalta.org**

## Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

## Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!

## Fun Days! Club Days! Fun Days!




www.birdlifemalta.org/events

Hi! I'm Chiara and I'm 9 years old. I started birdwatching when I was little as I used to join my dad, a passionate birdwatcher, on his birding adventures. I have many activities during the week but I still find time for birdwatching. Spotting different birds, noticing their behaviours and their sounds, is only a small part of the adventure, an adventure I now share with others my age thanks to the Young Birders Club.



RIserva Naturale Biviere di Gela

One of the highlight events of the club was **a day trip to Sicily** last January (my third time going). We boarded the catamaran very early in the morning, arriving at Pozzallo at sunrise. A bus took us to the **RISERVA NATURALE BIVIERE DI GELA**, the largest coastal lake in Sicily. This is an important site for tired migrating birds to rest from their long journey. In summer these birds nest in northern Europe, but then migrate to southern Europe or Africa to spend their winter, where it's warmer. Some birds spend winter at this nature reserve.

At the reserve a local guide showed us around and we visited several bird hides. My favourite birds here were **greater flamingoes**, a flock of **common pochards** and a couple of **booted eagles** that soared majestically over our heads. We then had a delicious lunch, with locally made pies that the guide brought us.



Grey Heron



Giant Orchid

After lunch, the bus took us to the **GELOI WETLAND**, which is a very recent nature reserve with freshwater ponds and marshy habitat. Here we observed good numbers of ducks, especially **common teals** and **northern shovelers** flying low above us. We also saw three **white storks** and a pair of endangered **Bonelli's eagles** flying in the hills overlooking the wetland. I observed these through my dad's telescope as they were too far for my binoculars. One highlight of this trip was a **praying mantis** I found walking on the ground. We all gathered to observe this fascinating insect, then we left it in peace. Just before boarding the bus back to Pozzallo, a couple of **hen harriers** and **pallid harriers** flew low over the marshes to roost in the area. What an end to a great day!

We observed **a total of 72 bird species** that day, adding a few to my ever-growing checklist. Another fun thing to do: keeping lists of birds!

Chiara



Praying Mantis



Northern Shovelers



All photos by **Chiara Bonavia**



The **Young Birders Club** is part of **Klabb Ħuttaf**. To join the group ask your parents to email **nicholas.galea@birdlifemalta.org**

# Mid-Djarju...

**Sensiela ħelwa ta' kitbiet minn studenti tas-sitt sena fl-iskola primarja Fgura B, li jiktbu f'isem xi pjanti li jikbrulhom fil-Ġnien Dinja Waħda tal-iskola tagħhom.**

## Mid-Djarju ta' Erika

Kitba ta' **Ayden Charles Borg** Yr 6.5

It-Tlieta, 9pm

Għażiż Djarju,

Illum kelli ġurnata mhux ħażin. Kont rieqda sakemm l-għasafar qajmuni u kelli nibda l-ġurnata fis-sitta ta' filgħodu. Fis-sebgħa t-tfal bdew deħlin fil-bitħa għall-*assembly*. It-tfal jagħmlu ħafna storbju, speċjalment il-klassi ta' quddiemi. Jien tant jien żgħira li fl-ewwel term ħadd ma nduna li kont hemm! Xi tfal kellhom jipproteġuni b'ħafna ġebel madwari, imma sfortunatament kien hemm xi tfal li xorta rifsuni. Jien għandi ħafna ħbieb, fosthom Ċistu Roża, li sfortunatament tarulha l-petali tagħha.

It-temp kien sabiħ imma għall-ħabta tad-disgħa, is-sema saret kollha griża. Fil-ħdax waslet il-klassi favorita tiegħi, is-6.5. Illum ġew jiktbu kitba tad-djarju tagħna. Ħsibt li ħa jiktbu tlitt itfal fuqi, imma tifel wieħed biss kiteb fuqi, li kien jismu Ayden.

Jiena nħossni kuntenta li għażilni xi ħadd. Wara li telqu, jien u l-ħabiba tiegħi Koronilla komplejna npaċpċu bħal ma nħobbu nagħmlu s-soltu. Nispera li għada jkolli ġurnata sabiħa bħal-lum!

Dejjem tiegħek,

*Erika*



Victor Falzon

Grazzi wkoll lill-għalliema ta' dawn l-istudenti Ms Christina Kitney

## Għaliex jgħidulu... blonġun?



Ray Galea

Blonġun Prim

Fost l-għasafar li jżuru pajjiżna hemm tlieta li qegħdin f'familja speċjali jgħidulhom blonġuni, bl-Ingliż *grebes*. Dawn huma l-**blonġun prim** *(great crested grebe)*, il-**blonġun sekond** *(black-necked grebe)* u l-**blonġun żgħir** *(little grebe)*. Jekk tarahom ħdejn xulxin malajr tifhem għaliex jisimhom hekk: is-sekond iżgħar mill-prim u ż-żgħir iżgħar mis-sekond. Imma għaliex dil-kelma stramba **blonġuni**. Minn fejn ivvintajnieha?

Fuq din m'hemm wisq misteru ta. Il-kelma blonġun ġejja mill-kelma Franċiża *plongeon*, li ġejja mill-verb *plonger* li tfisser togħdos. Dawn l-għasafar ħajjithom jgħadduha kważi kollha fl-ilma u l-gost tagħhom jgħoddsu għall-ħut, gambli u ħlejjaq oħrajn tal-ilma. Biex jgħinhom jagħmlu dan għandhom is-swaba' ta' saqajhom ċatti, kif taraw fl-istampa t'hawn taħt. Dawn isibuhom għodda eċċellenti biex jaqdfu bihom u jiġru wara l-priża.




Victor Falzon

# What is Natura 2000?



*Għajn Tuffieħa, Il-Qarraba*



*Filfla*



*Xlendi*



*Tal-Wej*



*Il-Ballut ta' Marsaxlokk*

Natura 2000 is a special network of protected areas all over Europe, where animals, plants, and entire ecoystems are safeguarded. In the Maltese Islands, such areas include garrigue, grassland, maquis, sand dunes, temporary freshwater rockpools. This is to make sure that Europe's most endangered species and habitats have a chance to survive for future generations.

**In total, in the Maltese Islands we have 37 terrestrial (on land) Natura 2000 sites of which:**

- **30 are designated as Special Areas of Conservation –** these areas are important for the animals and plants that live and thrive in special habitats.
- **7 are designated as Special Protection Areas –** these areas are normally considered as safe nesting and/or resting spots for birds!

**Why are Natura 2000 sites important?**

Some of the habitats and species found in a Natura 2000 site are incredibly rare and thus are important to be safeguarded. These sites are like a 'safe zone' for rare animals and precious plants that are normally found thriving in them.

It is important to note that Natura 2000 sites do not exclude all human activities. Their management is sustainable, meaning that certain activities are allowed as long as they do not cause harm to the protected environment.

**Interested to know more on Natura 2000 in Malta?**
Scan this QR Code!

ERA
Environment & Resources Authority




# il-Farfett tal-Kabocċi

- F'Malta għandna inqas minn 20 speċi ta' friefet. Uħud minnhom saru rari ħafna.

- Waħda mill-ispeċi li għadhom komuni hija l-farfett tal-kabocċi, bl-Ingliż large white u bl-isem xjentifiku *Pieris brassicae*

- Il-farfett tal-kabocċi jismu hekk għax ix-xagħat *(caterpillar)* tiegħu spiss jiekol weraq ta' pjanti mill-familja tal-kabocċi, fosthom pastard, *kale*, *brussels sprouts*, u sintendi kabocċi.

- Il-farfett l-omm tfittex dawn il-pjanti u tbid il-bajd fuq in-naħa ta' taħt tal-weraq, biex inqas jagħtu fl-għajn. Il-bajd tal-farfett tal-kabocċi huwa isfar u tawwali, u l-omm tbidhom fi gruppi stivati puliti ħdejn xulxin.

- Il-bajd ifaqqas wara ftit ġranet. Ix-xgħat l-ewwel jieklu l-qoxra tal-bajd li ħarġu minnhom, imbagħad jibdew jieklu l-werqa li jkunu fuqha.

- Wara xi 15-il ġurnata x-xagħat ikun kiber biżżejjed. Jieqaf jiekol, u jitlaq jimxi jfittex xi ħajt jew rokna kennija fejn jagħmel il-[1]fosdqa.

- Fil-fosdqa x-xagħat jinbidel ftit ftit u jsir farfett. Dan jista' jdum minn xi ġimagħtejn sa diversi xhur, skont iż-żmien tas-sena, it-temp, it-temperatura, eċċ.

- Minbarra l-farfett tal-kabocċi hemm ukoll il-farfett tal-kromb *(small white)*, li jixbah ħafna lil tal-kabocċi imma jkun iżgħar.




Żewġ xgħat tal-farfett tal-kabocċi

[1]**fosdqa.** Dik li bl-Ingliż ngħidulha *pupa* jew *chrysalis*

# Agħti titwila lil ġrajjietna!

Heritage Malta




Din is-sena, **Heritage Malta** qed tistieden **esploraturi żgħar** jesperjenzaw wirt pajjiżhom eqreb minn qatt qabel. Il-kalendarju l-ġdid tal-attivitajiet tal-aġenzija joffri **għażla mlewna ta' esperjenzi** u opportunitajiet eċċitanti – għal **parteċipanti b'etajiet u interessi varji**, f'Malta u fil-gżira ġara Għawdxija.

Se **nitgħallmu dwar l-istorja** u ngħixuha 'l barra mill-ktieb u l-klassi – minn tisjir ta' ħelu delizzjuż fil-**Palazz tal-Inkwiżitur fil-Birgu**, bħall-prinjolata, il-bajd tal-Għid u l-ġelat, għal **workshops** kurjużi dwar annimali li tgħallmu jisfumaw fl-ambjenti tagħhom, ħlejjaq bħall-klieb il-baħar, u oħrajn li jesploraw iż-żminijiet saħansitra qabel ma l-istorja bdiet tinkiteb fil-**Park Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim** u **l-Imnajdra**.

Se niċċelebraw ukoll anniversarji importanti magħkom, bħall-**110 anniversarju mill-ewwel skizzi tal-Kumpless Preistoriku ta' Ħal Tarxien** u l-**460 anniversarju tal-Assedju l-Kbir**, fost oħrajn. Mela lestu l-passaporti u gawdu avventuri ta' kull xorta!

https://heritagemalta.mt/leaflets-and-brochures/